# Tibżgħu minn min jikser il-liġi

## L-ebda Membru Parlamentari ma għandu s-sinsla li jitkellem kontra l-ħsara tal-kaċċa f'Malta

BirdLife Malta llum għamlet appell lill-Gvern u lill-Membri Parlamentari biex jieqfu jibżgħu mil-*lobby* tal-kaċċaturi u jieħdu bis-serjetà l-ħsara li qed tagħmel il-kaċċa f'Malta, speċjalment il-kaċċa illegali. Dan hekk kif kollox jindika li din is-sena se tkun l-agħar sena f'dawn l-aħħar sitt snin f'dak li għandu x'jaqsam mal-kaċċa illegali f'Malta.

Waqt attività quddiem il-Parlament fil-Belt Valletta, uffiċjali ta' BirdLife Malta spjegaw kif filwaqt li fit-tnax-il xahar tas-sena l-oħra kien hemm 82 każ ta' għasafar protetti li ġew iċċertifikati vittmi tal-kaċċa illegali mill-veterinarja tal-Gvern, fl-ewwel seba' xhur ta' din is-sena dan l-ammont diġà laħaq it-78 għasfur protett maqtul jew milqut b'tiri ta' senter.

Il-Membri Parlamentari, huma u deħlin fil-Parlament għas-seduta tal-lejla, ingħataw informazzjoni li turi s-sitwazzjoni tal-kaċċa illegali dan l-istaġun tal-kaċċa tal-ħarifa u statistika xokkanti li tqabbel iċ-ċifri ta' din is-sena mal-vittmi tal-kaċċa illegali li nġabru tul l-aħħar ħames snin.

Il-kelliema ta' BirdLife Malta sostnew li din is-sitwazzjoni hija konsegwenza ta' ħafna fatturi fosthom in-nuqqas ta' dixxiplina mill-kaċċaturi, il-fatt li baqgħet ma twaqqfitx taqsima fi ħdan il-Korp tal-Pulizija ta' Malta li tiffoka biss fuq il-kriminalità ambjentali, u t-tibdil fil-liġijiet li jdgħajjef il-ħarsien tan-natura f'pajjiżna, b'mod speċjali l-għasafar.

Raġuni oħra – forsi l-iktar waħda inkwetanti - għalfejn il-kaċċa illegali f'pajjiżna qiegħda tiżdied, hi li l-Gvern ma għandux is-sinsla li jrażżan u jwaqqaf dawn l-inċidenti, u qed jibqa' sieket. BirdLife Malta tinsisti li l-Parlament Malti u d-Deputati tiegħu għandhom iżommu f'moħħhom li f'pajjiżna hawn numru sostanzjali ta' ċittadini li jridu l-protezzjoni tal-ħlejjaq, fosthom l-għasafar. Il-Membri Parlamentari qegħdin jinjoraw lil dawn iċ-ċittadini u l-fatt li l-*lobby* tal-kaċċaturi huwa biss parti żgħira mis-soċjetà.

Għal BirdLife Malta, huwa inaċċettabli li gvern ta' pajjiż membru tal-Unjoni Ewropea ma jiħux din is-sitwazzjoni bis-serjetà. Għaldaqstant qegħdin nesiġu li l-Gvern jikkometti ruħu li:



1) Iwaqqaf il-Wildlife Crime Unit li issa għandu l-appoġġ tal-Kumitat ORNIS sabiex l-infurzar min-naħa tal-Pulizija jkun iffukat fuq l-ambjent naturali biss, filwaqt li din it-taqsima ġdida tingħata r-riżorsi u t-taħriġ li huma meħtieġa biex tkun tista' taħdem;
2) Jindirizza l-liġijiet ambjentali li mhumiex jgħinu, anzi qegħdin ifixklu l-infurzar tagħhom stess;
3) Jindirizza l-problema tal-ibbalzmar ta' tajr protett;
4) Jindirizza l-problema ta' staġuni tal-kaċċa li jkunu biss paraventu għall-kaċċa illegali kemm fir-rebbiegħa, kif ukoll fl-ewwel xhur tal-ħarifa.

Fuq kollox, intennu li wasal iż-żmien li jkollna gvern li ma jibżax minn min jikser il-liġi u li juri verament li mhux se jittollera aktar il-kaċċa illegali.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Dokumenti addizzjonali (agħfas biex tiftaħ):**
- Il-fuljett li tqassam lill-Membri Parlamentari
- Lista tal-vittmi tal-kaċċa illegali li nġabru sa issa fl-2018
- Tabella li turi kif kienet mifruxa l-kaċċa illegali din is-sena
- Tqabbil tal-kaċċa illegali tul l-aħħar sitt snin

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/t-RJ0HKFiGdB**
- Għażla ta' ritratti mill-attività tal-lum quddiem il-Parlament (Ritratti ta' Eleni Karatzia u Nathaniel Attard)
- Ritratti tal-vittmi tal-kaċċa illegali li nġabru sa issa fl-2018

